MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2007

Mandat Numru. 635/2007/1

**Joseph Attard u Marija Dolores Mizzi**

**vs**

**George Spiteri**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors.

Rat id-digriet taghha precedenti.

Rat ir-risposta.

Rat id-dokmenti esebiti.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti qeghdin jibbazaw it-talba taghhom fuq il-fatt li s-sid originali tas-sit in kwistjoni kien iddestinah b`tali mod li ma jinbena xejn fuq il-garaxxijiet li jigu fuq wara tar-residenzi tar-rikorrenti.

Issa, ghar-rigward ta` servitu` mahluqa *"bid-destinazzjoni tas-sid ta` zewg fondi"*, il-ligi fl-Art. 468 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta, tipprovdi illi:

*"Is-servitu` tigi stabbilita bid-destinazzjoni ta` sid ta` zewg fondi", meta jigi ppruvat illi z-zewg fondi, issa maqsuma, kienu ta` l-istess sid, u illi kien dak is-sid li qieghed jew halla l-haga fl-istat li minnu titnissel is-servitu`".*

F`dan il-kaz ma jidhirx, *prima facie* li l-kundizzjonijiet li trid il-ligi ghall-holqien ta` dan it-tip ta` servitu` gew sodisfatti peress illi ghalkemm is-sit li fuqu mibnija l-garaxxijiet u d-djar in kwistjoni kienu verament tal-istess sid, cioe` l-kumpanija Contom Enterprises Limited, ma kienetx din is-socjeta` li bniethom u ghalhekk ma jistax jinghad li s-sid originali iddestinahom biex ikunu servjenti ghad-djar ta` warajhom.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tirrevoka *contrario imperio* id-digriet taghha tas-27 ta` April, 2007 u tipprovdi definittivament billi tichad it-talba.

Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------